# Is-Siġar li Jżommu Id f'Id
## Lina Brockdorff
***(mill-ktieb "Il-Bieb Numru 11 u Stejjer Oħra", Klabb Kotba Maltin, 2007)***

Bħas-soltu, għall-ħabta tat-tlieta ta' waranofsinhar kont qed nistenna liż-żewġ neputijiet subien ġejjin mill-iskola. Twassalhom ġara li tmur għat-tfal tagħha wkoll, twaqqafhom kantuniera qrib u mbagħad arahom ikaxkru fuq daharhom jew mal-art il-basktijiet mimlijin kotba u fliexken tal-ilma vojta. Xagħarhom li filgħodu joħorġu bih qisu xi xogħol ta' skultura mwaqqaf bil-ġell skont il-moda, jispiċċa sa dak il-ħin imgerfex u mħabbel. Il-qomos barra mill-qliezet, insomma, dehra ta' żewġ subien żdingati. Allura bejn nistħi minn min jarahom f'dik is-sura u bejn minkejja dan kollu niggustahom f'dik id-dehra ta' mqarbezza u traskuraġni mħallta flimkien.

Dakinhar tar-rakkont tiegħi, Jonathan ta' għaxar snin deher eċitat sew kif niżel mill-karozza u beda jħaffef lejja. F'idu kellu qisha kartolina li beda jurihieli minn seba' mili bogħod. Bi tbissima ħelwa qalli, "Hawn, ħares, nanna, ara t-tpinġija tiegħi, dik li tajtni l-idea għaliha int – dik intgħażlet mill-klassijiet tal-Ħames Sena kollha bħala l-aħjar waħda u ser jibagħtuha l-Iskozja biex tieħu sehem f'konkors ta' tpinġija ta' tfal tampari minn bosta pajjiżi." Ħadt f'idi dik li ħsibt kienet kartolina u li kienet ritratt tat-tifel bl-istess tpinġija kbira li għamel l-iskola fuq suġġeriment li għamilt jien.

"U min iddeċieda li tiegħek kienet l-aħjar?" staqsejt.

"Mhux is-Sur Vella Borg!" wieġeb it-tifel. Imbagħad kompla, "U għedtlu li kont int nann li tajtni l-idea biex inpinġi dawk iż-żewġ siġriet!"

"Hekk għedtlu? X'qal imbagħad?"

"Imbagħad ried jaf x'jismek u jien għedtlu li inti jismek in-nanna Biċe imma li l-propja ismek huwa Beatrice Bianchi u li taf tpinġi ħafna. Wara staqsieni n-nannu Bianchi għadux ipinġi u jien għedtlu li dak miskin ilu mejjet! Tgħid kien jafu lin-nannu?"

**L-Ewwel Sena**

"Lin-nannu kienu jafuh ħafna nies. Jista' jkun ..." weġibtu xott xott.

Fraħtlu għas-suċċess tiegħu. Povru tifel ma setax ikun jaf bl-emozzjonijiet li kienu qanqlu fija dawk l-erba' kelmiet li qalli dwar il-pittura tiegħu, kliem li huwa lissen bl-akbar innoċenza.

Filgħaxija, qabel irqadt ftaħt il-kexxun ta' taħt is-sodda fejn inrekken ittri, kartolini u rimiżolji bħal dawn u bdejt infittex. Kienet ilha ma tkun f'idi, imma kont żgura li dik il-pittura fuq it-tila kienet għadha għandi. Kienet għal qalbi wisq biex narmiha, barra  mill-fatt li artistikament kienet stupenda. Kien fiha kull skala tal-lewn aħdar, il-lewn tant għal qalbi. Kien hemm il-weraq tal-qrib b'kuntrast ma' dawk li jagħlqu l-kwadru f'pont ta' perspettiva 'l bogħod, waqt li kull werqa taqbad id-dawl fi sfumar delikat tal-istess lewn.

Sibtha. Tbissimt. Żammejtha f'idi u poġġejt fuq is-sodda. U bdejt niftakar.

Erbgħin sena ilu meta kont nieħu l-lezzjonijiet tal-pittura u ltqajt ma' Vince, student ukoll. Mill-ewwel inġbidna lejn xulxin. Sajf minnhom l-għalliem ħajjar lill-grupp kollu biex nagħmlu safra flimkien sa Baden-Baden fil-Ġermanja fejn stajna nżuru bosta mużewijiet tal-Arti. Jum minnhom kulħadd iddejjaq jara l-pitturi u lkoll morna dawra sax-xifer tal-Black Forest. Sa dakinhar jien u Vince konna qrobna aktar lejn xulxin u għalhekk kull fejn immorru kont issibna id f'id. Wara li konna ilna xi sagħtejn mexjin fil-foresta waqafna f'roqgħa li kulħadd issaħħar fuqha. Kien hemm spazju vojt bħal pjazza ċkejkna u madwarha stajna naraw irqajja' tal-ħamrija miksija bi nwar tal-fjuri. Allura naħa kien hemm qisu tapit vjola ċar, ftit 'il bogħod minnu roqgħa safra tgħajjat u aktar 'l hemm tara tapit roża. Waqafna biex nistrieħu u nieklu l-biċċtejn ħobż li ħadna magħna. Wara ftit qlajna għajnejna mis-seħer tat-tapiti u bdejna nħarsu 'l fuq.

Kien hemm eluf ta' siġar tal-fagu, taż-żnuber u tal-ballut. Jekk qabel l-attenzjoni tagħna nħakmet mis-sbuħija tal-inwar imlewwen, issa lanqas biss sibna kliem biex nesprimu  l-għaġeb tagħna għal kulma kien hemm madwarna. Kulħadd immuta u f'dak is-skiet bdejna nintebħu li kien hemm xi ħaga oħra li ma ndunajniex biha qabel. Kien hemm kor meraviljuż ta' tpespis ta' għasafar li fosthom għarafna l-kukù.

**L-Ewwel Sena**

Bqajna nħarsu 'l fuq u ndunajna li kien hemm żewġ siġriet qrib tagħna li qishom kienu maqtugħin għal rashom mifrudin b'mogħdija li tgħaddi bejniethom. Imma l-friegħi u l-weraq tal-quċċata jiltaqgħu biex iffurmaw qisha arkata.

"Ara xi ħlew!" ikkummentajt jien. "Qishom qed iżommu id xulxin!" Sħabi qaluli li moħħi fir-rumanzi, moħħi dejjem fis-sħab u jkun jaqbel jekk xi drabi nniżżel riġlejja mal-art. Kemm kienu jiem sbieħ dawk! Kulħadd jinbex 'il xulxin. Jien u Vince bejnietna lanqas ma konna nibqgħu lura. Aktarx kont nibda jien u nsejjaħlu Vincent Van Gogh u hu jpattili u jsejjaħli Beatrice ta' Dante.

Meta wasalna Malta pinġieli din il-pittura b'żebgħa taż-żejt u taħtha kiteb: "Is-Siġar li Jżommu Id Xulxin." Kemm kont fraħt biha! Jien pinġejtlu oħra ta' żewġ għasafar fuq fergħa.

Imma ġara li sal-aħħar tal-kors ta' ħames snin dik il-ġibda li kellna għal xulxin bdiet tibred. Jien bdejt ninnamra ma' student ieħor, ma' Paul Bianchi, li wara sar żewġi, waqt li Vincent mar l-Ingilterra biex ikompli jistudja.

Ma nafx x'kien fettilli li meta Jonathan staqsieni għal suġġett li ser ipinġi l-iskola webbiltu b'dawk iż-żewġ siġriet, u tiskanta, l-idea għoġbitu mill-ewwel. Kien ilu jgħid li l-għalliem tal-Arti kien jismu s-Sur Vella Borg, imma fejn qatt ser nissoponi li kellu jinzerta l-istess wieħed li kont naf jien, jew kif kont insejjaħlu Vincent Van Gogh tiegħi – li fuq kollox ma kien tiegħi xejn.

Kienu waslu l-eżamijiet tal-aħħar tas-sena għat-tfal. Is-sajf ma kienx 'il bogħod. Eċitament tal-eżamijiet imħallat ma' pjanijiet għall-vaganzi. Jum fost l-oħrajn tal-posta talabni niffirmalu ismi għax kellu envelopp reġistrat. Kien kbir mhux ħażin u ħsibtu xi ħaġa tat-taxxa u nħsadt. Imma kienet sorpriża ta' xort'oħra. Bilkemm warrab il-pustier li ma ċarrattx l-envelopp kannella u ma skantajtx ftit xħin ilmaħt il-pittura li kont pinġejt jien tant żmien ilu u magħha nota qasira:

*Għażiża Sinjura Beatrice ta' Dante, dan huwa Vincent Van Gogh tiegħek li wara tant snin qed jerġa' jitħajjar imur sal-Black Forest biex jaqta' l-kurżità jekk għadx hemm għasafar fuq il-friegħi u jekk iż-żewġ siġriet għadhomx iżommu id xulxin. Xi tgħid, tiġi miegħi?*

Tħajjart u sejra niktiblu issa stess.